



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10870/22

LIMITE

CORLX 594
CFSP/PESC 872
COEST 505
FIN 733

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja
fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 285 17.10.2012, p. 1

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (2) Wara evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi rilevanti, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima B ("Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemija fl-Artikolu 4(1)") tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

"23. Cham Wings Airlines".
